MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 91/2002

**Jason Caruana**

**vs**

**Joseph Micallef**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tikkundanna lill-konvenut Joseph Micallef ihallas is-somma ta’ elf u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1060.20c) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fit-tlieta (3) ta’ Awissu tas-sena elfejn u wiehed fi Triq il-Madonna tal-Virtu’, Gharb, Ghawdex bejn il-vettura tal-marka Peugeot u bin-numru tar-registrazzjoni AAG 196 appartenenti u misjuqa mill-attur u l-vettura tal-marka Land Rover u bin-numru tar-registrazzjoni JAA 975 appartenenti u misjuqa mill-konvenut, u ta’ liema incident inti konvenut kont unikament responsabbli minhabba

imperizji, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju 2002 u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma’ dan l-avviz lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut.”

Ra r-risposta:

1. “Illi l-incident mertu fil-kawza gara tort tas-sewqan esagerat, b’manjiera traskurata u perikoluza, u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur, ghal liema incident jahti u ghandu jwiegeb unikament l-istess attur;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Ra s-segwenti kontro-talba:

“Billi ghall-istess incident jahti unikament l-attur minhabba sewqan esagerat, u b’manjiera traskurata u perikoluza, u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Billi konsegwenza ta’ dan l-incident, il-konvenut soffra hsarat fil-vettura tieghu Land Rover JAA975 li t-tiswija taghhom tammonta ghal sebgha u disghin liri maltin u hamsa u sebghin centesimi (Lm97.75) u nefaq ukoll tliet liri (Lm3) spejjez tal-iskizz u Rapport tal-Pulizija;

Billi l-attur gie nterpellat biex ihallas dawn l-ispejjez, huwa naqas li jaghmel dan;

Il-konvenut jitlob ghalhekk lit-Tribunal sabiex wara li jiddikjara lill-istess attur responsabbli ghall-imsemmi incident, jikkundannah ihallas dawn id-danni.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-attur.”

Sema l-provi u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda habta li saret fi Triq il-Madonna tal-Virtu', Gharb. Iz-zewg vetturi habtu ma' xulxin ras imbras. Fuq in-naha tax-xellug tat-triq int u thares fid-direzzjoni tal-knisja hemm hajt tas-sejjiegh filwaqt li fuq in-naha tal-lemin hemm dar u quddiemha kien hemm trakk u vettura ohra ipparkjati. Il-parti karreggjabbli li kien fadal ma kellha l-ebda sinjali tal-karreggjata fin-nofs tat-triq u kienet wiesa' bizzejjed biex jghaddu z-zewg vetturi li habtu mexjin f'direzzjonijiet opposti. It-triq hija forma ta' lembut irregolari, fis-sens li int u thares fid-direzzjoni tal-knisja tal-Gharb it-triq hija ferm usa imbaghad tidjieq ghal wisa ta' 6.7 metri fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-attur u tkompli tidjieq, sija pure bi ftit, cioe ghal 6.3 metri (apparti 0.8 metri bankina fuq in-naha tal-lemin) fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-konvenut. Il-karozza tal-attur hija wiesa' 1.6 metri filwaqt illi l-land rover tal-konvenut hija wiesa 1.9 metri. Ghalhekk iz-zewg vetturi flimkien kienu jiehdu wisa' ta' 3.5 metri filwaqt illi fejn sehhet il-parti karreggjabbli tat-triq disponibbli meta sehh l-incident kienet wiesa 4.5 metri, billi mill-wisa' tat-triq trid titnaqqas il-wisa' tal-vettura pparkjata u tal-bankina.

Illi fl-access li zamm it-Tribunal ikkonstata – kuntrarjament ghal dak li xehed is-surgent PS 261 Raymond Caruana - li hemm vizwali twila mijiet ta' metri fiz-zewg direzzjonijiet mill-punt fejn sehhet il-habta. Ghalhekk iz-zewg sewwieqa setghu jaraw lil xulxin tajjeb minn distanza konsiderevoli.

L-attur halla 19.4 u 16.3 metri brake-marks li jfisser li kien qieghed isuq bi speed ta' 55 kilometru fis-siegha.

Il-konvenut halla biss 6.3 u 6.5 metri brake-marks li jfisser li kien ghaddej bi speed ta' circa 32 kilometru fis-siegha.

L-ispeed massimu ghal area fejn hemm il-bini, bhal ma hu fil-kaz prezenti, huwa ta' 50 metru fis-siegha.

Illi l-konvenut kien ghaddej fuq in-naha tax-xellug tal-parti karreggjabbli, filwaqt illi l-attur kien ghaddej min-nofs tat-

triq huwa u gej mill-parti tal-lembut tat-triq u cioe' fejn it-triq hija ferm iktar wiesa kif fuq spjegat.

Illi l-attur kien qieghed isuq b'velocita' leggerment oghla mill-massimu konsentit lilu. Il-velocita' oghla minn dik regolamentari ma taghtix minnha nnifisha colpa lis-sewwieq. Min-naha l-ohra, l-ispeed koncess bir-regolamenti huwa l-massimu, u s-sewwieq ghandu jilhaq dan l-ispeed dejjem biss jekk ikun prudenti li jilhqu fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u in ispecje tenut kont tan-natura, kundizzjoni, uzu u konfigurazzjoni tat-triq, u tal-kwantita' tat-traffiku li f'dak il-mument ikun qed juza' jew jista' jkun qed juza dik it-triq. U kif jghid majjistralment l-Imhallef (iktar tard Prim Imhallef) Luigi Camilleri [1]: *ed e' certo che il regolamento non ha per ispirito di permettere a chi pur si attenesse alle sue varie disposizioni di cagionare impunemente danni ad altri…. Quando tali danni si potessero da costui prevenire ed impedire.*

Kull sewwieq huwa marbut b'dak li jghid artiklu 80 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija: *Hadd ma jista' jsuq vettura b'giri bla qies jew waqt li jkun xurban, jew jaghmel hsara lil hwejjeg haddiehor b'sewqan mhux xieraq jew bi htija ohra tieghu* – anke jekk ikun qieghed isuq entro l-limiti massimi ta' velocita'.

M'hemmx dubbju li fl-istanti, l-attur, li kien qieghed isuq b'velocita' ferm oghla minn dik tal-konvenut, u li seta' jilmhu ghaddej fil-parti d-dejqa tat-triq minn distanza konsiderevoli, seta' jew waqqaf il-vettura tieghu tempestivament biex ihalli lill-konvenut jibqa' ghaddej, inkella naqqas konsiderevolment il-velocita' tieghu u kiser ghan-naha tax-xellug tat-triq, b'mod li z-zewg vetturi kienu jghaddu magemb xulxin anke fil-parti d-dejqa tat-triq minghajr ma kien isehh is-sinistru.

Ma kien hemm l-ebda negligenza kontributorja da parti tal-konvenut, li kien qed isuq ferm bil-mod, u li zamm man-naha tax-xellug tal-karreggjata.

---

[1] Appell Inferjuri, 2 ta' Frar 1928, Bernardo Zammit vs Revdo. Don Edgardo Salamone – Kollezz Vol XXVII.i.988

Ghalhekk l-incident gara unikament tort tal-attur li ma hax il-prekawzjonijiet illi seta' jiehu biex ma jsehhx l-incident.

Dwar il-quantum tad-danni sofferti mill-konvenut, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tal-attur, jilqa' l-kontro-talba tal-konvenut, jiddikjara lill-attur unikament responsabbli ghall-incident in kawza u jikkundannah ihallas lill-konvenut LM100.75c ghad-danni sofferti mill-konvenut kawza tal-istess incident, bl-imghax legali mid-data tallum sad-data tal-effettiv pagament.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur